# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Raymond Zammit**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Raymond Zammit**, karta tal-identita' bin-numru 400772M fejn ġie mixli talli fl-20 ta' Marzu 2014 għall-ħabta ta' 20:10 : -

(a) bi vjolenza jew permezz ta' ħebb attakka lil Alfred Chetcuti u PC82 Charles Dingli b'arma regolari li taqta u bil-ponta u permezz tal-użu tal-pepper spray;

(b) fl-istess jum, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita kompetenti u waqt li kien qiegħed jagħmel dan id-delitt huwa kien fil-pussess ta' arma regolari;

(c) talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi żamm u ġarr fuqu arma regolari mingħajr liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(d) talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' PC1597 Alfred Chetcuti u PC82 Charles Dingli meta dawn kienu uffiċjali pubbliċi jew kienu inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku jew li huma jew kienu uffiċjali jew impjegati ta' korpi kostitwiti bil-liġi meta r-reat sar għax dawn kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom;

(e) talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija;

(f) talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'dagħa, għajjat u ġlied;

Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba sabiet minbarra li tapplika l-piena skont il-Liġi tapplika wkoll il-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali a favur ta' Alfred Chetcuti u PC82 Charles Dingli.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014 l-Uffiċjal Prosekutur Spettur Joseph Agius ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Cedric Mifsud, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat kif ukoll il-fedina penali netta tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda prodotti inkluż id-deposizzjoni tal-imputat.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 12 t'Awissu 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Raymond Zammit** fl-Artikoli 96(a), 97, 98, 214, 215, 221 u 222(1)(c), 338(dd)(ee) u 383 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, il-fatti l-aktar saljenti kienu li fil-jum inkriminat, l-imputat kellu l-Qorti fejn ingħata sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati. Inoltre kien hemm xi xogħolijiet strutturali f'fond adjaċenti li kien qegħed iħosshom li kienu ta' inkonvenjent għalih u għalhekk għall-ħabta tat-20:00 waqt li l-imputat kien qiegħed f'Ħal-Qormi ħareġ jagħmel xi storbju u jirrabja dwar xi trakk li kien qiegħed, skont l-imputat, jikkawża dan id-disturb. Dak il-ħin kien hemm PC1597 Alfred Chetcuti li semgħu qallu biex iwarrab fil-ġenb tat-triq. Meta dan l-Aġent tal-Pulizija resaq lejn l-imputat, dan qabdu mill-flokk tas-servizz u

imbuttah b'mod li PC1597 waqa' mal-art. Waqt li PC1597 kien mal-art, l-imputat ħareġ sikkina u beda riesaq lejn dan l-Aġent tal-Pulizija li, meta ra' lill-imputat riesaq bis-sikkina, huwa ddefenda ruħu billi ħareġ il-*pepper spray* u użah fuq l-imputat. Dan jirriżulta li ma għamilx effett fuqu tant li baqgħa sejjer lejn PC1597 li kien għadu mal-art u biex ifittex iqum telaq il-bott tal-pepper spray minn idu u mbuttah b'saqajh. Dan wassal biex l-istess bott ħabat ma saqajn l-imputat li meta ra hekk qabad dan l-istess bott pepper spray u beda jisprejja bih lejn PC1597 biex jipprova jolqtu. PC1597 jgħid li l-imputat sprejjalu xi erba' darbiet u rnexxielu jolqtu f'għonqu. Anke PC82 Charles Dingli jixhed li huwa ra lill-imputat juża l-pepper spray fuqu u anke lilu laqtu fuq moħħu.

L-imputat ħarab jiġri wkoll u PC1597 u aġenti tal-Pulizija oħra bdew jipprovaw jaqbduh. Kien hemm episodju t'insegwiment minn diversi Aġenti tal-Pulizija fil-konfront tal-imputat li fl-aħħar ġie mmobilizzat u arrestat. Biss sakemm dan setgħa jsir, l-imputat kien baqa' aggressiv lejn il-Pulizija li kellhom jissieltu miegħu sabiex ikunu f'posizzjoni li jeżegwixxu l-arrest tiegħu. Sussegwentement il-Pulizija rnexxielha wkoll issib sikkina li kienet instabet f'qasrija li kien hemm fi sqaq viċin ta' fejn seħħ l-inċident. In konsegwenza għal dan l-inċident PC1597 sofra offiżi ta' natura ħafifa.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat ikkommetta r-reati ta' attakk u reżistenza kontra l-Pulizija ai termini tal-Artikolu 96(a) tal-Kodiċi Kriminali. L-azzjoni tiegħu kienet tali li huwa attakka lil persuna/i li kienet inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li huwa kien qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi. L-inċident seħħ meta PC1597 Alfred Chetcuti kien beda jsikket lill-imputat milli jkompli jagħmel l-istorbju f'nofs ta' triq u taħ ordni biex iżul mal-ġenb. Dawn kienu azzjonijiet li bihom PC1597 kien qiegħed jaġixxi fl-eżekuzzjoni tal-Liġi u kien qiegħed jagħti ordnijiet leġittimi. Kien hemmhekk li huwa ġie attakkat mill-imputat. Aktar tard l-imputat irreżista wkoll bi vjolenza l-arrest li kienu qegħdin jeżegwixxu fuqu l-Aġenti tal-Pulizija.

F'dan il-każ irriżulta mill-provi wkoll li waqt li l-imputat kien qiegħed jaggredixxi lill-PC1597, huwa ma użax biss il-forza fiżika tiegħu billi qabdu mill-flokk tas-servizz u qalbu mal-art, iżda wkoll, minbarra li ħebb għalih b'arma regolari konsistenti f'sikkina, f'episodju sussegwenti l-imputat qabad il-bott tal-*pepper spray* u sprejja, għal madwar erba darbiet lejn PC1597 b'mod li darba minnhom laqtu f'għonqu. Inoltre, PC82 Charles Dingli jixhed ukoll li anke hu ġie milqut mill-pepper spray li sprejja l-imputat fuqu, u fil-każ tiegħu dan ix-xhud ġie milqut fuq moħħu.

Dan iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi wkoll li f'dan l-episodju t'attakk fuq aġenti tal-Pulizija, l-imputat uża arma regolari. Inoltre, il-Qorti qegħda wkoll tikkonsidra li f'dan il-każ, il-bott tal-*pepper spray* ġie wkoll użat u assuma l-karattru t'arma regolari. Skont l-Artikolu 64(1) tal-

Kodiċi Kriminali, armi regolari huma l-armi kollha tan-nar **kif ukoll** l-armi, **strumenti u għodod** l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li bott tal-*pepper spray* jista' jiġi wżat bħala wieħed minn dan l-għodod jew strumenti li għandhom bħala skop prinċipali tagħhom jekk mhux l-offiża, żgur id-difiża ta' wieħed innifsu. Il-bott tal-pepper spray huwa kemm kontenitur fih innifsu ta' sustanza irritanti u li taħraq kif ukoll jinkludi fih il-mezz li bih il-kontenut irritanti tiegħu ikun jista' jiġi rilaxxjat fl-arja lejn oġġett jew persuna partikolari. Għalhekk il-bott tal-pepper spray jinkludi fih kemm element ta' medium ta' ħażna ta' sustanza irritanti u li taħraq kif ukoll il-mezz li bih dik is-sustanza tiġi sparata l-barra minnu. Dan fil-fehma tal-Qorti jwassal għal konklużjoni li meta użat, il-bott tal-pepper spray jista' jissarraf f'arma regolari f'dan il-każ.

Dan il-fatt huwa wkoll rifless fl-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont dak l-Att, armi regolari għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija mill-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi Kriminali u jinkludi wkoll arma tan-nar. Fost **l-armi u munizzjon projbiti milli jkunu fl-idejn**, skont l-Artikolu 3 tal-istess Att, hemm inklużi l-akkwist, il-pussess għal-liema għan ikun, iż-żamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari u l-munizzjoni imsemmija fl-Iskeda I. Fost dak imsemmija fl-Iskeda I hemm inklużi munizzjon li jirrilaxxja sustanzi letali jew irritanti **bħal** gass tad-dmugħ. Dan l-artikolu mhux wieħed eżawrjenti fir-rigward ta' liema huwa s-sustanzi irritant u żgur li l-gass tad-dmugħ mhux l-uniku sustanza irritanti għall-fini ta' din il-Liġi.

Issa f'dan il-każ il-pepper spray huwa sustanza irritanti u li taqa' fil-parametri tat-tifsira li trid din il-Liġi. Il-pepper spray huwa għalhekk sustanza irritanti kontenuta f'reċipjent li huwa wkoll kapaċi minnu nnifsu (mhux bl-awżilju ta' apparat estern) li jirrilaxxja s-sustanza irritanti. Fil-fehma tal-Qorti dan jirrendi l-bott tal-pepper spray, użat mill-imputat fuq il-persuna ta' PC1597 bħala użu ta' arma regolari, in kwantu hija għodda jew strument, li l-għan tiegħu huwa li wieħed jiddefendi lilu nnifsu, jew jekk użat bħal ma ġie f'dan il-każ, bħala mezz t'offiża ta' terz, tramite r-rilaxx ta' sustanza irritanti. Dan iwassal lill-Qorti tikkonkludi li f'dan il-każ l-attakk u r-reżistenza fuq il-Pulizija kienet ukoll kwalifikata ai termini tal-Artikolu 97 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Prosekuzzjoni addebitat ukoll l-attakk u r-reżistenza bi vjolenza pubblika taħt l-Artikolu 98 tal-Kodiċi Kriminali. Skont l-Artikolu 63 tal-Kodiċi Kriminali, reat jitqies li jkun sar bi vjolenza pubblika meta r-reat isir minn numru ta' tliet minn nies jew iżjed, miġmugħin flimkien bil-ħsieb li jagħmlu reat u fejn tnejn minnhom ikollhom fuqhom armi regolari. Bid-dovut rispett, f'dan il-każ ma kienx hemm dawn l-estremi u għalhekk din il-Qorti ma tqisx li dan ir-reat taħt l-Artikolu 98 tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-banda l-oħra ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-aġir tal-imputat wassal sabiex PC1597 sofra offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu, kemm minħabba l-fatt li kien imbuttat mal-art, kif ukoll minħabba l-fatt li huwa ġie offiż bil-mezz tal-pepper spray fuq għonqu. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat mediku eżibit in atti kif ukoll mid-deposizzjoni ta' PC1597 innifsu. Din l-offiża ta' natura ħafifa ai termini

tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali hija pero kwalifikata b'dak imsemmi fl-artikolu 221(2) tal-istess Kodiċi in kwantu, fil-fehma tal-Qorti l-offiża saret b'wieħed mill-mezzi imsemmija fl-Artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-Artikolu iżid il-piena applikabbli meta l-offiża tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jisplodi jew jaħraq jew li hu korrożiv. F'dan il-każ, il-Qorti diġa esprimiet ruħha li fil-fehma tagħha il-mod kif il-bott tal-pepper spray ġie użat f'dan il-każ kien jikkwalifika bħala arma regolari; iżda għall-fini ta' dan l-Artikolu 217 huwa wkoll jaqa' taħt it-tifsira ta' sustanza li taħraq. Fil-fatt mix-xiehda ta' PC1597 jirriżulta ċar li in segwitu għall-isprejj tal-pepper spray fuq għonqu huwa ddeskriva l-uġiegħ li ħass bħala : "f'ghonqi hassejtu jahraq hafna". It-tabib Paul Mangion jikkonferma fiċ-ċertifikat rilaxxjat minnu a fol 54 debitament ikkonfermat bil-ġurament kif jidher a fol 60 et li kien ikkonstata ħmura fuq għonq u wiċċ PC1597.

Apparti minn hekk din l-offiża fuq il-persuna jirriżulta li hija wkoll suġġetta għall-kwalifika imsemmija fl-Artikolu 222(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu saret fuq persuna t'uffiċjal pubbliku jew li kien inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku meta r-reat sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha.

Inoltre ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll kemm li l-imputat m'obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija kif ukoll li huwa kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat, kif del resto kien ukoll ammess minnu fl-istqarrija rilaxxjata, li huwa kien fil-pussess ta' sikkina barra minn fond jew fid-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta. Il-problema li din il-Qorti tirriskontra f'dan il-każ hija li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat għamel dan mingħajr ma kien liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Is-sikkina eżibita ma nstabux fuqha impronti diġitali li setgħu jiġi komparati ma dawk tal-imputat għax kienu mżelġin.

Barra minn hekk jirriżulta wkoll dubju raġjonevoli, anke grazzi għad-deposizzjoni ta' PC82 dwar jekk dik is-sikkina kienetx l-istess waħda li uża l-imputat dakinhar. Din il-Qorti ma tistax tgħid serenament jekk din is-sikkina li kien qiegħed iġorr kienetx waħda li kienet tirrikjedi liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija jew kienetx waħda minn dawk li huma eżenti ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-imputat ser ikun liberat minn din l-imputazzjoni stante li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.

## ***<u>Decide :-</u>***

Li wara li rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali aktar il-fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 96(a), 97, 98, 214, 215, 221 u 222(1)(c), 338(dd)(ee) u 383 tal-Kodiċi Kriminali (skont kif kienu fil-jum tal-kommissjoni tar-reati de quo) kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ma ssibux ħati tat-tielet imputazzjoni u

minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, issibu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet jiġifieri tal-imputazzjoni numru wieħed, tnejn, (b'dan li mhux qed issibu ħati taħt l-Artikolu 98 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm issibu ħati taħt l-artikoli 96(a) u 97 tal-istess Kodiċi), erbgħa (u dan bil-mod kif spjegat aktar il-fuq), ħamsa u sitta u wara li qieset :

(a) l-istat u l-kundizzjoni mentali tal-imputat fil-jum meta wettaq ir-reati de quo;
(b) il-fatt li huwa ma kienx tajjeb biex ikun fis-soċjeta;
(c) il-fatt li huwa kkommetta dawn ir-reati fuq aġenti tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom;
(d) il-fatt li mix-xiehda teknika li ingħatat quddiem din il-Qorti mill-Psikjarti Maria Axiaq kif ukoll Joseph Spiteri huwa jeħtieġ għajnuna kbira fi ħdan istituzzjoni fejn ikun jista' jkun kontrollat,

Din il-Qorti qegħda tikkundannah għal perjodu ta' **sentejn u disa' xhur priġunerija**.

Fid-dawl li mix-xiehda teknika li ingħatat quddiem din il-Qorti mill-Psikjarti Maria Axiaq kif ukoll Joseph Spiteri jirriżulta li l-ħati jeħtieġ għajnuna kbira fi ħdan istituzzjoni fejn ikun jista' jkun kontrollat il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jirreferi lill-ħati għat-Taqsima Forensika sabiex ikun jista' jkompli jingħata l-kura u l-attenzjoni meħtieġa.

Inoltre sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' PC1597 Alfred Chetcuti u PC82 Charles Dingli, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni

tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena minn meta jiskonta s-sentenza inflitta u dan taħt penali t'elfejn euro.

***Mogħtija illum it-tnax (12) t'Ottubru elfejn u sittax (2016) fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***